# Il-Ġurnal Uffiċjali L 402 I
## tal-Unjoni Ewropea

Volum 64

Edizzjoni bil-Malti — Leġiżlazzjoni — 15 ta' Novembru 2021


Werrej


II *Atti mhux leġiżlattivi*

REGOLAMENTI

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2021/1983 tal-15 ta' Novembru 2021 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 36/2012 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja** ..... 1

DEĊIŻJONIJIET

★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/1984 tal-15 ta' Novembru 2021 li timplimenta d-Deċiżjoni 2013/255/PESK dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja** ..... 5


MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

II

*(Atti mhux leġiżlattivi)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2021/1983

**tal-15 ta' Novembru 2021**

**li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 36/2012 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 36/2012 tat-18 ta' Jannar 2012 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 442/2011 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 32(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fit-18 ta' Jannar 2012, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) Nru 36/2012.

(2) Fid-dawl tal-gravità tas-sitwazzjoni fis-Sirja, u meta jitqies t-tibdil reċenti fil-Gvern Sirjan, jenħtieġ li jiżdiedu erba' persuni mal-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet jew korpi soġġetti għall-miżuri restrittivi fl-Anness II għar-Regolament (UE) Nru 36/2012. L-informazzjoni relatata ma' ħames persuni diġà elenkati fl-Anness II għar-Regolament (UE) Nru 36/2012 jenħtieġ li tiġi aġġornata.

(3) Għaldaqstant, jenħtieġ li r-Regolament (UE) Nru 36/2012 jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness II għar-Regolament (UE) Nru 36/2012 huwa emendat kif stabbilit fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

([1]) ĠU L 16, 19.1.2012, p. 1.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta’ Novembru 2021.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

J. BORRELL FONTELLES

*ANNESS*

L-Anness II għar-Regolament (UE) Nru 36/2012 huwa emendat kif ġej:

(1) Il-persuni li ġejjin jiżdiedu mal-lista li tinsab fit-Taqsima A ("Persuni"):

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| '312. | Amr SALEM<br>(عمرو سالم) | Data tat-twelid: Jannar 1958;<br>Post tat-twelid: Damasku, is-Sirja;<br>Sess: raġel | Ministru għall-Kummerċ Intern u l-Protezzjoni tal-Konsumatur. Maħtur f'Awwissu 2021.<br>Bħala Ministru tal-Gvern, jikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim Sirjan kontra l-popolazzjoni ċivili. | 15.11.2021 |
| 313. | Boutros AL-HALLAQ<br>(بطرس الحلاق) | Post tat-twelid: Il-kampanja ta' Damasku, is-Sirja;<br>Sess: raġel | Ministru għall-Informazzjoni. Maħtur f'Awwissu 2021.<br>Bħala Ministru tal-Gvern, jikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim Sirjan kontra l-popolazzjoni ċivili. | 15.11.2021 |
| 314. | Mohammad SEIFEDDINE<br>(magħruf ukoll bħala Seif Eddin, Seif El Din)<br>(محمد سيف الدين) | Sess: raġel | Ministru għax-Xogħol u l-Affarijiet Soċjali. Maħtur f'Awwissu 2021.<br>Bħala Ministru tal-Gvern, jikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim Sirjan kontra l-popolazzjoni ċivili. | 15.11.2021 |
| 315. | Diala BARAKAT<br>(ديالا بركات) | Data tat-twelid: 1980;<br>Sess: mara | Ministru tal-Istat. Maħtura f'Awwissu 2021.<br>Bħala Ministru tal-Gvern, tikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim Sirjan kontra l-popolazzjoni ċivili.' | 15.11.2021 |

(2) Fit-Taqsima A (Persuni), l-entrati li ġejjin huma sostitwiti kif ġej:

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| '167. | Dr. Jassem Mohammad ZAKARIA<br>(magħruf ukoll bħala Mohamed, Muhammad, Mohammed, Jasem) | Data tat-twelid: 1968<br>Sess: raġel; | Eks Ministru għax-Xogħol u l-Affarijiet Soċjali.<br>Bħala eks Ministru tal-Gvern, jikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim Sirjan kontra l-popolazzjoni ċivili. | 16.10.2012 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 229. | Abdullah ABDULLAH<br>(عبدالله عبدالله) | Data tat-twelid: 1956;<br>Sess: raġel | Ministru tal-Istat. Maħtur f'Awwissu 2021.<br>Bħala Ministru tal-Gvern, jikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim Sirjan kontra l-popolazzjoni ċivili. | 14.11.2016 |
| 259. | Imad Abdullah SARA<br>(عماد عبدالله صارة) | Data tat-twelid: 1968;<br>Post tat-twelid: Damasku, is-Sirja;<br>Sess: raġel | Eks Ministru għall-Informazzjoni. Maħtur f'Jannar 2018.<br>Bħala eks Ministru tal-Gvern, jikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim Sirjan kontra l-popolazzjoni ċivili. | 26.2.2018 |
| 296. | Talal AL-BARAZI (magħruf ukoll bħala Barazi)<br>(طلال البرازي) | Data tat-twelid: 1963;<br>Post tat-twelid: Il-belt ta' Hama, is-Sirja;<br>Sess: raġel | Eks Ministru għall-Kummerċ Intern u l-Protezzjoni tal-Konsumatur.<br>Bħala eks Ministru tal-Gvern, jikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim Sirjan kontra l-popolazzjoni ċivili. | 16.10.2020 |
| 309. | Malloul (magħruf ukoll bħala Maloul) HUSSEIN (magħruf ukoll bħala AL-HUSSEIN)<br>(**ملول حسين**) | Data tat-twelid: 1950;<br>Post tat-twelid: Il-Governorat ta' Al-Hasakah, is-Sirja;<br>Sess: raġel | Eks Ministru tal-Istat.<br>Bħala eks Ministru tal-Gvern, jikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim Sirjan kontra l-popolazzjoni ċivili. | 6.11.2020" |

# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2021/1984

## tal-15 ta' Novembru 2021

## li timplimenta d-Deċiżjoni 2013/255/PESK dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 31(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/255/PESK tal-31 ta' Mejju 2013 dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 30(1) tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fil-31 ta' Mejju 2013, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2013/255/PESK.

(2) Fid-dawl tal-gravità tas-sitwazzjoni fis-Sirja, u meta jitqies t-tibdil reċenti fil-Gvern Sirjan, jenħtieġ li jiżdiedu erba' persuni mal-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet jew korpi soġġetti għall-miżuri restrittivi fl-Anness I għad-Deċiżjoni 2013/255/PESK. L-informazzjoni relatata ma' ħames persuni diġà elenkati fl-Anness I għad-Deċiżjoni 2013/255/PESK jenħtieġ li tiġi aġġornata.

(3) Għaldaqstant jenħtieġ li d-Deċiżjoni 2013/255/PESK tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Anness I għad-Deċiżjoni 2013/255/PESK huwa emendat kif stabbilit fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Novembru 2021.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
J. BORRELL FONTELLES

---

([1]) ĠU L 147, 1.6.2013, p. 14.

*ANNESS*

L-Anness I għad-Deċiżjoni 2013/255/PESK huwa emendat kif ġej:

(1) L-entrati li ġejjin jiżdiedu mal-lista li tinsab fit-Taqsima A (Persuni):

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| "312. | Amr SALEM<br>(عمرو سالم) | Data tat-twelid: Jannar 1958;<br>Post tat-twelid: Damasku, is-Sirja;<br>Sess: raġel | Ministru għall-Kummerċ Intern u l-Protezzjoni tal-Konsumatur. Maħtur f'Awwissu 2021.<br>Bħala Ministru tal-Gvern, jikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim Sirjan kontra l-popolazzjoni ċivili. | 15.11.2021 |
| 313. | Boutros AL-HALLAQ<br>(بطرس الحلاق) | Post tat-twelid: Il-kampanja ta' Damasku, is-Sirja;<br>Sess: raġel | Ministru għall-Informazzjoni. Maħtur f'Awwissu 2021.<br>Bħala Ministru tal-Gvern, jikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim Sirjan kontra l-popolazzjoni ċivili. | 15.11.2021 |
| 314. | Mohammad SEIFEDDINE<br>(magħruf ukoll bħala Seif Eddin, Seif El Din)<br>(محمد سيف الدين) | Sess: raġel | Ministru għax-Xogħol u l-Affarijiet Soċjali. Maħtur f'Awwissu 2021.<br>Bħala Ministru tal-Gvern, jikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim Sirjan kontra l-popolazzjoni ċivili. | 15.11.2021 |
| 315. | Diala BARAKAT<br>(ديالا بركات) | Data tat-twelid: 1980;<br>Sess: mara | Ministru tal-Istat. Maħtura f'Awwissu 2021.<br>Bħala Ministru tal-Gvern, tikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim Sirjan kontra l-popolazzjoni ċivili. | 15.11.2021" |

(2) Fit-Taqsima A ("Persuni"), l-entrati li ġejjin huma sostitwiti kif ġej:

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| '167. | Dr. Jassem Mohammad ZAKARIA<br>(magħruf ukoll bħala Mohamed, Muhammad, Mohammed, Jasem) | Data tat-twelid: 1968<br>Sess: raġel; | Eks Ministru għax-Xogħol u l-Affarijiet Soċjali.<br>Bħala eks Ministru tal-Gvern, jikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim Sirjan kontra l-popolazzjoni ċivili. | 16.10.2012 |
| 229. | Abdullah ABDULLAH<br>(عبدالله عبدالله) | Data tat-twelid: 1956;<br>Sess: raġel | Ministru tal-Istat. Maħtur f'Awwissu 2021.<br>Bħala Ministru tal-Gvern, jikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim Sirjan kontra l-popolazzjoni ċivili. | 14.11.2016 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 259. | Imad Abdullah SARA (عماد عبدالله صارة) | Data tat-twelid: 1968;<br>Post tat-twelid: Damasku, is-Sirja;<br>Sess: raġel | Eks Ministru għall-Informazzjoni. Maħtur f'Jannar 2018.<br>Bħala eks Ministru tal-Gvern, jikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim Sirjan kontra l-popolazzjoni ċivili. | 26.2.2018 |
| 296. | Talal AL-BARAZI (magħruf ukoll bħala Barazi) (طلال البرازي) | Data tat-twelid: 1963;<br>Post tat-twelid: Il-belt ta' Hama, is-Sirja;<br>Sess: raġel | Eks Ministru għall-Kummerċ Intern u l-Protezzjoni tal-Konsumatur.<br>Bħala eks Ministru tal-Gvern, jikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim Sirjan kontra l-popolazzjoni ċivili. | 16.10.2020 |
| 309. | Malloul (magħruf ukoll bħala Maloul) HUSSEIN (magħruf ukoll bħala AL-HUSSEIN) (ملول حسين) | Data tat-twelid: 1950;<br>Post tat-twelid: Il-Governorat ta' Al-Hasakah, is-Sirja;<br>Sess: raġel | Eks Ministru tal-Istat.<br>Bħala eks Ministru tal-Gvern, jikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim Sirjan kontra l-popolazzjoni ċivili. | 6.11.2020" |

ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet
tal-Unjoni Ewropea
L-2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT